MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 31/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**Vs.**

**Godfrey Gambin (Karta ta' l-Identità bin-Numru 243176M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà attrici fit-23 ta' Jannar 2012 permezz ta' liema titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' hdax-il elf sitt mija u tmienja u sittin Euro u disghin centezmu (€11,686.90) bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* tal-konvenut mas-socjetà attrici u dana skond Dok. "A" anness mar-Rikors, flimkien ma' l-imghax ulterjuri konteggjat mit-13 ta' Dicembru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament, u dana wara li jigi dikjarat li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tat-13 ta' Jannar 2010, Dok. "B" anness mar-Rikors, u partikolarment, imma mhux mhux

esklussivament, billi l-konvenut: (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà attrici kif stipulat fl-imsemmija skrittura; (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti; u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 t' Ottubru 2011, kontra l-konvenut;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promoter a fol. 2 sa' 9 tal-process;

Rat li l-konvenut gie notifikat bir-Rikors promotur u bl-Avviz tas-Smigh;

Rat in-Nota ta' Ammissjoni pprezentata mill-konvenut fit-8 ta' Frar 2012;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €11,686.90, bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* tieghu mas-socjetà attrici u dana skond Dok. “A” anness mar-Rikors promotur, flimkien ma' l-imghax ulterjuri konteggjat mit-13 ta' Dicembru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament, u dana wara li jigi dikjarat li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tat-13 ta' Jannar 2010, Dok. “B” anness mar-Rikors promotur, u partikolarment, imma mhux mhux esklussivament, billi l-konvenut: (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà attrici kif stipulat fl-imsemmija skrittura; (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti; u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tieghu li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

b'hekk iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

B’Nota ta’ Ammissjoni pprezentata fit-8 ta’ Frar 2012, il-konvenut ammetta t-talbiet attrici kif dedotti kontrih.

Fid-dawl ta’ tali ammissjoni ghalhekk, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-bilanc fil-*Loan Account* tieghu mas-socjetà attrici sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa peress illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tat-13 ta’ Jannar 2010, Dok. “B” anness mar-Rikors promotur, u partikolarment, imma mhux mhux esklussivament, billi l-konvenut: (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà attrici kif stipulat fl-imsemmija skrittura; (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti; u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tieghu li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ €11,686.90, bl-imghax legali ulterjuri dekoribbli mit-13 ta’ Dicembru 2011 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------